MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 262/2003

**Avviz numru 262/2003DM**

**Borg Cold Stores Limited**

**Vs**

**Bonagel Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm2375.41) ammont rappresentanti prodotti ta' l-ikel u merkanzija ohra mibjugha lilhom u kkonsenjata liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri legali tas- 6 ta' Frar 2003 u tal-24 ta' Frar 2003 u interessi kummercjali mid-data tal-

konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U wara li l-Qorti rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-atturi permezz ta' liema rriducew is-sorte b'somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) ghas-somma Lm1,775.41 (elf seba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk ridotta ta' Lm1,775.41 (elf seba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-16 ta' Marzu 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------